għalina għażiża għax ħadet sehem fir-rebħa ta' l-Insara fuq il-Misilmin. Tbiddlu ż-żmenijiet u fuq l-istess swar fejn erba' mitt sena ilu kienet tinsab imwaqqfa l-bandiera tal-Kavalieri l-lum naraw tperper bandiera oħra li, fi kliem l-ogħla poeta Malti,

"Ta' Għiritna" hija żgur "wens u ġieħ".
DUN KARM, *Lill-Bandiera Ingliża.*

It-tlitt ibliet, li jagħmlu bħal ngħala ma' dwar id-daħla tat-Tarżna u li jaqbżu fil-għajn għal kif donnhom ħuġġieġa waħda l-qċaċet tad-djar, tistħajjilhom telgħin minn ġor-ragħwa ta' l-ilma l-istess kif telgħet Ċiterëa. Il-koppli u l-kampnari tal-knejjes imwaqqfa f'dawn l-ibliet imżejna b'ismijiet li jiddu fl-istorja ta' l-imgħoddi, għad ma jidhrux tajjeb biż-żejjed minħabba ftit kemm kemm taċ-ċpar. Hekk ukoll wieħed għad l-anqas jista' jilmaħ dawk it-twieqi u gallarijiet miżbugħin aħdar igħajjat.

Laneċ żgħar, miżbugħin iswed, jaqsmu, mingħajr ma jagħtu wisq fil-għajn, mix-xatt tal-Belt li ħadet isimha mill-Grammastru La Valette li bnieha, għax-xtut l-ewwel ta' l-Isla u wara ta' San Lawrenz u minn hemm jerġgħu lura għal minn fejn kienu ġew. Imbagħad f'nofs id-daħla tat-Tarzna nilmaħ marbut ma' l-ankra bastiment ċkejken abjad biċ-ċumnija safra li jgħaxxaq bl-indafa tiegħu.

Sabiħa wkoll il-fortizza ta' San Mikiel b'dik il-gardjola tal-ġebel f'rasha sewwa, il-lum imżejna bil-ħdura tas-siġar, u b'għadd ta' dgħajjes u frejgatini miġbudin fuq il-plajja ta' madwarha. Issa

mill-beraħ f'ħin wieħed stejqer
nifs ħelu ta' fewġa,
Ġ. DELIA, S.J., *Qatra ta' Nida.*

u ftit wara nilmaħ dgħajsa tifrex il-qlugħ bajdani milqut mid-dija tax-xemx u minn biswit il-ponta ta' l-Isla

taħt ir-rażan tat-tmun, għal xejrt-ir-riħ,
hija ħelu taqbad triqtha.
DUN KARM, *Il-Ġerrejja u Jien*



Fid-daħla tal-Franċiżi, il ġewwa sew, tidher biċċa mit-Tarzna fejn bosta ħaddiema Maltin jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum u, taħt il-għolja ta' Kordin, tara fuq wiċċ l-ilma baċin kbir li jimla kull fejn ikun b'tulu.

Il ġewwa nett, imbagħad, tidher, iżda m'hux kollha, il-Marsa fejn il-baħar huwa aktarx dejjem fommu sieket.

Kemm hu sabiħ il-port! Kemm tassew għandna x'niftaħru bih!

Issa fl-aħjar jasal f'widnejja d-daqq tal-qampiena tal-Knisja ta' Liesse li tinsab ix-xatt tal-Belt sew sew quddiem is-suq tal-ħut fejn igħidulu "fuq il-Ġgant". Jiena minn fuq il-ħadid tal-gallarija tal-Barrakka ma nistax nara ħlief il-koppla ta' din il-knisja ċkejkna li bl-istorja tagħha u bil-ġrajja li għandha ta' Iżmelja u t-tliet Kavalieri hija frott ta' żmien l-Ordni Ġerosolmitan.

F'daqqa waħda tiskot il-qampiena...... 'ma f'widnejja jibqa' jidwi leħinha li kien fakkarni f'bosta ħsebijiet tal-ħajja u għalhekk, taħt it-toqol ta' dawk il-ħsebijiet, għadni nħoss li rrid ngħidilha

doqq, o qanpiena,
sabar 'l imdejjaq, lil min dineb, ħniena,
serħ lill-għajjiena.
ROS. BRIFFA, *Fl-Ave Marija.*

K. XUEREB.

# TRIQAT MITLUFA

Jien qbadt it-trieq tal-għana
u mxejt imxejt il ġewwa,
qaluli biex nistrieħ għax din it-trejqa
miżgħuda dmugħ u dnewwa,
'mma jien imxejt bla xejn ma qgħadt nintrema.
Kelli b'ħija l-ħolqien, ħabib lis-sema
u b'rjeda kbira u sħiħa daqs ħadida
kull xħin il-ġmiel żernaqli
għannejt f'ilsien twelidi għanja ġdida.

'Mma darba sħab tal-biża'
tela' fit-trejqa tiegħi,
kesfia tal-mewt ħassejt tberridli r-ruħi
nixef il-għana f'qalbi,
il-qerq indehes miegħi;
u xħin hemm fuq ma feġġet ebda dija
għajjien, mirgħux, imdejjaq
kelli, jaħasra, nħalli
it-trieq tal-poeżija.

*

U qbadt triqet l-imħabba
u mxejt imxejt il ġewwa,
qaluli biex nistrieħ għax din it-trejqa
imrar fiha mhux ħlewwa,
'mma jien xħin rajt il-ward u Imaħt il-ħdura
warrabt kull ħsieb, imxejt mitluf fl-imħabba
bla qatt ma ħarist lura;
u taħt ix-xemx li trejjaq kollha sfiana
hemm għext ħajja ta' seħer
isbaħ minn dik tal-għana.
'Mma darba żagħżugħ sbejjaħ
daħal fit-trejqa tiegfii
kellu kliem ħelu fuq 'fommu miktub,
kieni jaf is-sengħa li tiġbed il-qlub
u xħ,n ,,en dfialt ġo nagħsi
seraq l-imħabba tiegħi
u sar hu l-maħbub-

b'wiċċi moħbi fidejja " '
ħailejt triqet l-imħabb'a.

* *

U qbadt trieq it-tgawdiia



ħabbejt iż-żfin u d-daqq u t-tbaħrid tagħhom
u xrobt il-kies ferħ sa l-inqas qatra;
insejt f'dal-ġenn il-hemm u d-dwejjaq tiegħi
insejt lil min ħabbejt u tħabbeb miegħi,
insejt kull ġmiel, insejt il-poeżija
u dħakt mhux ftit bin-nies li qatt ma daqet
dis-sakra ta' tgawdija;
għax f'dan il-ferħ jien ħsibt li sibt sa fl-aħħar
it-trieq li tgħodd għalija.
'Mma x'ħin ġie d-dawl, intemm iż-żmien tal-bluha
fuq ħsiebi waqgħet regħxa,
fuq qalbi star tal-biża',
u sfajt bħal ruħ miblugħa
u dlonk għaraft li jien, żagħżugħ fiassiebi,
miniex maħluq għall-frugħa;
għalhekk malajr, did-darba bla tbatija,
ħallejt trieq it-tgawdija.

* *

Il-lum wara tant ġmiegħi
xħin dħalt mill-ġdid f'kamarti
u rġajt sibt ruħi waħdi
ma dwar il-kotba tiegħi,
Q ftaħt it-tieqa kbira
li tagħti għal ġol-ġnien
smajt kelma li ġeunitni
ħierġa minn kullimkien.
Jien smajtha din il-kelma
''Bil-ferħ ħabbatt idejja"
fil-waqt li demgħa sħuna
qabżitli minn għajnejja:
Ualuli l-ward tal-ġonna
u s-siġar kbar imbiegħda
'Tmxi fit-trieq ta' qabel
għadek, żagħżugħ, poeta".
U l-lum li ġewwa qalbi
ġarrabt mill-ġdid dis-sħana
erġajt għall-poeżija,

erġajt għat-trieq talgħana. ^

Oħawdex-29-7-36.